IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2021
COM(2021) 395 final

REVIŻJONI ANNWALI TAL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti Annwali ta' Attività tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni:

Din ir-reviżjoni annwali għall-2019 tkopri attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni appoġġati uffiċjalment imwettqa fl-Unjoni Ewropea fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, jiġifieri tranżazzjonijiet fuq terminu medju u twil b'perjodu ta' ripagament ta' sentejn jew aktar. Dan ir-rieżami la jkopri tranżazzjonijiet ta' kreditu ta' esportazzjoni[1] fit-terminu l-qasir u lanqas ma jkopri attivitajiet imwettqa minn ċerti Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs - Export Credit Agencies) lil hinn mill-qasam tal-attivitajiet ta' kreditu appoġġjati uffiċjalment (bħall-assigurazzjoni tal-investimenti).

Din ir-reviżjoni annwali hija prodotta mill-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew abbażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri, kif previst mir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76 KE u 2001/77/KE[2]. Dan ir-Regolament jipprevedi fl-Anness I tiegħu li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni Rapport Annwali tal-Attività sabiex tiżdied it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni. B'mod aktar preċiż, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet, il-pretensjonijiet imħallsa u l-irkupri, l-impenji ġodda, l-iskoperturi, l-imposti tal-primjum u l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jistgħu jirriżultaw minn attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni appoġġati b'mod uffiċjali, iżda wkoll dwar kif ir-riskji ambjentali, li jistgħu jġorru riskji rilevanti oħra, jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet tal-kreditu għall-esportazzjoni b'appoġġ uffiċjali tal-ECAs tagħhom. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tipproduċi analiżi annwali għall-Parlament Ewropew ibbażata fuq din l-informazzjoni, inkluża evalwazzjoni rigward il-konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tinnota r-Riżoluzzjoni adottata fit-2 ta' Lulju 2013 mill-Parlament Ewropew dwar l-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011[3] u ġibdet l-attenzjoni partikolari tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din ir-Riżoluzzjoni - bħar-rakkomandazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni biex jikkonsultaw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija tar-rappurtar. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni qed jaħdmu fuq aġġornament tal-metodoloġija ta' rappurtar użata mill-Istati Membri biex jippreżentaw Rapporti Annwali tal-Attività, li jissejjaħ mudell tal-lista ta' kontroll. Intlaħaq qbil dwar metodoloġija ta' rappurtar riveduta u mtejba u din se tintuża fir-rappurtar li jibda mis-sena kalendarja 2020.

2. Rapporti Annwali tal-Attività li waslu għas-sena kalendarja 2019:

Ir-Rapporti Annwali tal-Attività għas-sena kalendarja 2019 waslu mingħand 22 Stat Membru: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-

[1] Għal tranżazzjonijiet bħal dawn tapplika l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fit-terminu l-qasir.

[2] ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

[3] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (2012/2320 (INI).

Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja u l-Iżvezja u r-Renju Unit[4]. Is-sitt Stati Membri l-oħra (Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta), ma ppreżentawx rapport peress li ma pprovdewx krediti għall-esportazzjoni appoġġati uffiċjalment fis-sens tar-Regolament 1233/2011 matul is-sena ta' rappurtar.

Għall-2019, ir-Rapporti Annwali tal-Attività kollha mill-Istati Membri kienu bbażati fuq il-mudell tal-lista ta' kontroll (fil-format preċedenti tiegħu; kif imsemmi hawn fuq, se jintuża format aġġornat li jibda mir-rappurtar tal-2020). Xi Stati Membri rabtu l-informazzjoni li ppreżentaw fil-mudell tal-lista ta' kontroll mar-rapporti disponibbli pubblikament (eż. rapporti annwali, politiki għar-reviżjoni tal-impatti ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tal-proġetti). Ta' min jinnota li l-ECAs ivarjaw fl-istatus legali u, fil-każ ta' xi Stati Membri, il-krediti għall-esportazzjoni appoġġati uffiċjalment huma pprovduti minn kumpanija tal-assigurazzjoni jew istituzzjoni finanzjarja li topera taħt mandat pubbliku. F'dak il-każ, ir-Rapporti Annwali tal-Attività ovvjament ikopru biss l-attivitajiet tas-settur pubbliku ta' kumpaniji bħal dawn, li huma separati mill-attivitajiet tas-settur privat.

3. Analiżi tar-Rapporti Annwali tal-Attività:

(a) Informazzjoni ġenerali:

Il-qafas regolatorju applikabbli (Regolament (UE) Nru 1233/2011) jistabbilixxi r-regoli ġenerali għal tranżazzjonijiet u programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni.

Fl-2019, 22 Stat Membru tal-UE provdew programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, ġestiti minn 27 aġenzija differenti (ara d-dettalji fl-Anness, it-Tabella 2) u dipartimenti tal-gvern relatati. L-ambitu u t-tip ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduti, kif ukoll l-istruttura organizzattiva għall-operazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, ivarjaw. F'xi Stati Membri, l-ECA tkun dipartiment tal-gvern jew aġenzija pubblika. F'oħrajn, kumpanija privata (normalment assiguratur) taġixxi bħala ECA taħt mandat pubbliku u superviżjoni tal-gvern. Mhuwiex rari li l-Istati Membri li joffru kategoriji differenti ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni jkollhom aktar minn ECA waħda eż. waħda li tipprovdi garanziji u assigurazzjoni (prodotti tal-assigurazzjoni) u oħra li tipprovdi finanzjament (prodotti bankarji) jew li jkollha istituzzjoni separata li tipprovdi skemi ta' kompożizzjoni tal-imgħax.

Fir-rigward tat-tipi ta' appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni offruti mill-ECAs tal-UE fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, l-aktar forma komuni tibqa' sempliċi kopertura (jiġifieri assigurazzjoni jew garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni) li kienet ipprovduta mit-22 Stat Membru kollha matul il-perjodu ta' rappurtar. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri offrew ukoll forom oħra ta' appoġġ koperti mir-Regolament 1233/2011 u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati[5], bħal self dirett jew finanzjament (jiġifieri appoġġ finanzjarju għal tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduti direttament mill-ECAs) u rifinanzjament (jiġifieri finanzjament mill-ġdid ta' self kummerċjali li appoġġa tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-

[4] Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar pajjiż terz fil-31 ta' Jannar 2020 f'nofsillejl (CET), meta daħal fis-seħħ il-ftehim dwar il-Ħruġ konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit.

[5] L-arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali jifforma anness għar-Regolament.

esportazzjoni pprovduti mill-ECAs)[6], iżda wkoll finanzjament ta' proġetti u forom differenti ta' għajnuna marbuta.

B'mod ġenerali, l-ECAs joffru varjetà ta' programmi differenti biex jakkomodaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti kategoriji, b'mod partikolari l-SMEs. Għandu jiġi nnutat ukoll li diversi Stati Membri żviluppaw prodotti ta' kreditu għall-esportazzjoni speċifiċi għas-settur pereżempju għall-manifattura tal-inġenji tal-ajru (inklużi prodotti mfassla apposta bħall-garanzija inkondizzjonali tal-Airbus), il-bini tal-bastimenti u l-infrastruttura ferrovjarja. Dan jista' jirrifletti l-ftehim settorjali separat fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fejn xi termini u kundizzjonijiet b'mod partikolari termini ta' ħlas lura jew rati tal-imgħax huma adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' industriji partikolari.

Ġeneralment, il-prattiki u l-istandards ta' sottoskrizzjoni qed isiru dejjem aktar simili fost l-Istati Membri u l-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati qed jinkludi għadd dejjem jikber ta' kwistjonijiet. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu d-differenzi li ġejjin peress li jagħmluha diffiċli li jsir paragun sħiħ. L-ewwel nett, l-Istati Membri, fi ħdan il-forom ġenerali ta' appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, żviluppaw varjetà wiesgħa ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Filwaqt li prodott partikolari jista' jkun komuni għal ECAs multipli, it-termini u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu jistgħu ma jkunux l-istess. It-tieni nett, l-impatt ta' programm ta' kreditu għall-esportazzjoni ovvjament jiddependi wkoll fuq il-karatteristiċi tal-ekonomija nazzjonali u fuq il-kapaċità tas-swieq finanzjarji privati.

B'dawn ir-riżervi f'moħħna, it-tabella ta' hawn taħt li telenka l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat mill-31 ta' Diċembru 2019 tipprovdi mill-inqas idea ġenerali tad-daqs tal-akbar skemi ta' kreditu għall-esportazzjoni tat-tip "kopertura sempliċi".

Tabella 1. Appoġġ uffiċjali fil-forma ta' kopertura sempliċi fl-2019 (f'miljuni ta' EUR) **L-akbar kontributuri tal-UE skont l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat**	
Il-Ġermanja	87 914
Franza	59 174
L-Italja	58 859
L-Isvezja	27 573
Il-Finlandja	25 489

Kif diġà ssemma hawn fuq, l-ECAs tal-UE huma attivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma lil hinn mill-ambitu tar-rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dan tal-aħħar essenzjalment ikopri attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu medju u twil (kif definit mill-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati). Madankollu, ħafna ECAs tal-UE joffru wkoll prodotti bħal krediti għall-esportazzjoni għal żmien qasir, garanziji ta' ittri ta' kreditu, garanziji tar-riskju tal-manifattura u prodotti tal-assigurazzjoni tal-investiment. Informazzjoni dettaljata tista' tinstab fit-Taqsimiet II u IV tal-mudell ta' rappurtar użat għar-Rapporti Annwali tal-Attività, kif ukoll fir-rapporti annwali ġenerali li ħafna Stati Membri jirreferu espliċitament għalihom.

B'mod ġenerali, ir-Rapporti Annwali tal-Attività jipprovdu informazzjoni finanzjarja rilevanti dwar il-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li jkun enfasizzat li

[6] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011, dan ir-rappurtar irid isir skont il-qafas leġiżlattiv nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv. Dan jirriżulta f'xi differenzi fil-preżentazzjoni. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda osservazzjoni speċifika dwar l-aspetti finanzjarji tar-Rapporti Annwali tal-Attività[7].

(b) Trattament ta' "riskji ambjentali li jistgħu jġibu magħhom riskji rilevanti oħrajn":

Skont il-Paragrafu 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, l-Istati Membri fir-Rapporti Annwali ta' Attività tagħhom jiddeskrivu kif ir-riskji ambjentali, li jistgħu jġorru riskji rilevanti oħra, jitqiesu fl-attivitajiet ta' krediti għall-esportazzjoni appoġġati uffiċjalment tal-ECAs tagħhom.
Il-paragrafu 2 tal-Anness I fir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 isemmi kemm riskji ambjentali kif ukoll "*riskji rilevanti oħra*". Bħal fis-snin preċedenti, l-Istati Membri jinterpretaw ir-riskji ambjentali u r-riskji assoċjati b'mod wiesa', u fil-valutazzjonijiet tagħhom jinkludu mhux biss riskji ambjentali, iżda wkoll riskji finanzjarji u soċjali b'mod aktar ġenerali. Biex jitqiesu dawn ir-riskji, il-prattiki ta' diliġenza dovuta rrappurtati jinkludu valutazzjonijiet ex ante u proċeduri ta' evalwazzjoni, li matulhom ir-riskji jiġu identifikati u apprezzati u jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq l-eliġibbiltà tat-tranżazzjonijiet għall-appoġġ. Il-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskju huma formalizzati f'politiki ddedikati, li xi ECAs għażlu li jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom. Proċeduri ta' valutazzjoni bħal dawn normalment jiddependu fuq it-tip u l-kategorija ta' tranżazzjoni partikolari, skont prinċipju ta' proporzjonalità (jiġifieri meta tranżazzjoni tkun aktar riskjuża u/jew akbar, aktar tkun intensa l-valutazzjoni). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-valutazzjonijiet jitwettqu minn esperti indipendenti esterni iżda dejjem aktar jiġu ġestiti minn speċjalisti ddedikati fi ħdan kull ECA. Barra minn hekk, il-prattiki standard ta' diliġenza dovuta jinkludu t-tfassil ta' klawżoli u kundizzjonijiet kuntrattwali, ta' miżuri ta' mitigazzjoni marbuta mal-kundizzjonijiet kuntrattwali jekk ikun meħtieġ, u l-monitoraġġ tagħhom maż-żmien biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards u, jekk applikabbli, l-infurzar tal-miżuri ta' mitigazzjoni. L-Istati Membri, fuq bażi kontinwa, qed jevalwaw mill-ġdid u jirfinaw il-proċessi interni tagħhom[8].

L-Istati Membri kollha, b'eċċezzjoni waħda (il-Bulgarija, li mhijiex membru tal-OECD[9]), jirrapportaw il-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u Diliġenza Dovuta Ambjentali u Soċjali (l-"Approċċi Komuni"), li hija għodda ta' valutazzjoni aċċettata u stabbilita sew fi ħdan l-OECD u għandha impatt normattiv barra l-OECD. Ħafna Stati Membri jiddikjaraw li huma japplikaw l-Approċċi Komuni, b'mod partikolari l-aspetti ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem tiegħu, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni definit mill-OECD. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha b'eċċezzjoni waħda (il-Bulgarija[10]) jirrapportaw il-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Huma jirrapportaw ukoll il-konformità mal-Prinċipji u l-Linji Gwida tal-OECD

[7] Skont l-Anness I, paragrafu 1, il-proċess ta' rappurtar preżenti huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri li jeżerċitaw is-sorveljanza tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni nazzjonali.

[8] Biex tagħti eżempju wieħed biss, Finnvera rrevediet il-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju ambjentali u soċjali għall-operazzjonijiet ta' finanzjament fl-2019 u adottat politiki aġġornati kontra t-tixħim u rifuġju fiskali.

[9] Il-Bulgarija tirrapporta li l-BAEZ ma tapplikax l-Approċċi Komuni iżda tkun lesta li timplimentahom.

[10] Il-Bulgarija tirrapporta li l-BAEZ ma japplikax il-Prinċipji u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Promozzjoni ta' Prattiki ta' Self Sostenibbli fil-Forniment ta' Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjali lil Pajjiżi bi Dħul Baxx iżda hi lesta li tagħmel dan.

għall-Promozzjoni ta' Prattiki ta' Self Sostenibbli fil-Forniment ta' Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjali lil Pajjiżi bi Dħul Baxx. L-aderenza ma' dan tal-aħħar timxi id f'id ma' aderenza mill-qrib mal-politiki tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali fir-rigward ta' prattiki ta' self sostenibbli[11].

Dawn it-tliet Rakkomandazzjonijiet tal-OECD — li jiffokaw speċifikament fuq il-krediti għall-esportazzjoni — għandhom rwol ewlieni iżda mhux esklussiv. Il-politiki tal-Istati Membri huma wkoll infurmati mill-istandards internazzjonali u l-acquis usa' tal-UE. Ir-referenzi għall-objettivi, l-istandards u l-linji gwida tal-UE fir-rapporti juru li qed jitqiesu kemm l-istrumenti ta' liġi mhux vinkolanti kif ukoll dawk vinkolanti u li l-ispirtu huwa importanti daqs l-ittra tal-liġi. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri jirrapportaw li jikkonformaw ma' parametri referenzjarji internazzjonali oħra sabiex jagħtu skrutinju msaħħaħ lil sehem saħansitra akbar ta' tranżazzjonijiet. Dawn jinkludu naturalment il-punti ta' riferiment imsemmija fl-Approċċi Komuni, jiġifieri l-Istandards ta' Prestazzjoni Ambjentali u Soċjali tal-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali[12] (Standards ta' Prestazzjoni tal-IFC), il-Linji Gwida dwar is-Saħħa u s-Sikurezza u l-Ambjent tal-Grupp tal-Bank Dinji (Linji Gwida tal-EHS) u l-Politiki ta' Salvagwardja tal-Bank Dinji[13], iżda wkoll il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[14], il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali għal imġiba responsabbli[15], il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal[16], id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol[17] u l-Prinċipji tal-Ekwatur[18].

Stat Membru wieħed (l-Awstrija) jirrapporta li żviluppa metodoloġija ta' valutazzjoni bbażata fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u wieħed (l-Iżvezja) jirreferi għall-adeżjoni tiegħu mal-Prinċipji tal-Patt Globali tan-NU. Barra minn hekk, xi Stati Membri jagħmlu referenzi espliċiti għal inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima[19].

L-approċċi Komuni qed jitqiesu dejjem aktar bħala standard minimu. L-Istati Membri jikkwotaw dejjem aktar objettivi jew kunsiderazzjonijiet ta' politika addizzjonali, li jikkomplementaw dawk imnaqqxa fl-Approċċi Komuni (eż. is-sostenibbiltà soċjali u l-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa). F'ħafna oqsma, l-Istati Membri japplikaw il-miżuri addizzjonali tagħhom stess sabiex jiżguraw li l-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni jkun disponibbli biss għal tranżazzjonijiet li jissodisfaw sett strett ta' standards, u li jistgħu jkunu marbuta mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Biex jingħata eżempju wieħed biss, fis-snin li għaddew, diversi ECAs ħadu deċiżjonijiet speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-klima, li jinkludu tmiem espliċitu tal-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni lill-impjanti tal-enerġija

[11] Imsemmi b'mod espliċitu mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Ungerija u n-Netherlands iżda użat b'mod ġenerali.

[12] Imsemmija mill-Finlandja, Franza, in-Netherlands, l-Isvezja u r-Repubblika Slovakka, iżda applikati ġeneralment.

[13] Imsemmija mir-Repubblika Slovakka u l-Isvezja, iżda applikati ġeneralment.

[14] Imsemmija mill-Finlandja, il-Ġermanja u l-Isvezja, u użat b'mod aktar wiesa' minn ECAs oħra kif imsemmi f'dokumentazzjoni jew siti web rilevanti oħra (eż. CESCE għal Spanja, KUKE għall-Polonja).

[15] Imsemmija mill-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja, u użat b'mod aktar mifrux minn ECAs oħra kif imsemmi f'dokumentazzjoni jew siti web rilevanti oħra (eż. CESCE għal Spanja, KUKE għall-Polonja).

[16] Imsemmija mill-Iżvezja.

[17] Imsemmija mill-Finlandja u n-Netherlands

[18] Imsemmija mill-Isvezja u r-Renju Unit.

[19] Imsemmija mill-Finlandja

li jaħdmu bil-faħam[20]. Il-konverġenza tal-politika fl-UE hija murija mill-fatt li l-UE ppreżentat proposta lill-Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati f'April 2021 biex ittemmu immedjatament il-forniment ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u għajnuna marbuta għas-settur tal-enerġija mill-faħam. L-Istati Membri jsemmu wkoll l-impenn kontinwu tagħhom biex itejbu u jiżviluppaw dixxiplini eżistenti.

(c) Informazzjoni oħra li tinsab fir-Rapporti Annwali tal-Attività

Il-maġġoranza tal-ECAs għandhom politika ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva[21] li tipikament tinvolvi mhux biss sforzi interni iżda wkoll djalogu mill-qrib mal-klijenti tal-ECA. F'dan il-kuntest, l-ECAs qed jevalwaw dejjem aktar il-prattiki tagħhom stess u qed jiżviluppaw pjanijiet biex inaqqsu l-impatt ambjentali tagħhom stess (politiki tal-ivvjaġġar, eċċ[22].). Meta l-ECA tkun kumpanija privata, normalment ikollha politika waħda fl-attivitajiet kollha tagħha (pubblika u privata) u dawn ma jkunux distinti fir-rapporti dwar is-sostenibbiltà jew fil-politiki ppubblikati.

It-trasparenza hija kwistjoni vitali: L-Istati Membri joqogħdu attenti li jiżguraw li l-ECAs joperaw bl-aktar mod trasparenti possibbli filwaqt li jirrispettaw il-kunfidenzjalità li tista' tkun meħtieġa għal tranżazzjonijiet kummerċjali. Skont l-Approċċi Komuni[23], il-proċedura armonizzata madwar l-ECAs tal-UE hija d-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni dettaljata (inklużi rapporti tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u Soċjali) għal proġetti li jista' jkollhom il-potenzjal li jkollhom impatti ambjentali jew soċjali negattivi minħabba l-karatteristiċi tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jmorru lil hinn billi jiżvelaw aktar informazzjoni dwar tranżazzjonijiet speċifiċi jew dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tagħhom (b'xi eċċezzjonijiet, b'mod ġenerali, l-ECAs tal-UE jippubblikaw ammont kbir ta' informazzjoni tradotta bl-Ingliż fuq is-siti web tagħhom).

(d) Konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni:

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 li jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni Rapport Annwali tal-Attività, li jirrapporta f'konformità mal-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom ċerta informazzjoni finanzjarja u operattiva dwar l-attivitajiet tagħhom ta' kreditu għall-esportazzjoni, li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif jiġu indirizzati r-riskji ambjentali.

Skont il-Paragrafu 3 tal-Anness I *"il-Kummissjoni għandha tipproduċi analiżi annwali għall-Parlament Ewropew ibbażata fuq din l-informazzjoni, inkluża evalwazzjoni rigward il-konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea"*.

---

[20] Fl-2019, Franza u n-Netherlands diġà kellhom tali politika fis-seħħ. Pajjiżi oħra tal-UE ħadu passi simili.

[21] Dan huwa enfasizzat fir-rapporti mill-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, l-Italja, in-Netherlands u s-Slovenja.

[22] Fost l-oħrajn, Credendo, Finnvera u SACE jistmaw il-marka tal-karbonju tagħhom stess u għandhom xi pjan li jnaqqsuh.

[23] Kif definit mill-Anness III tal-Approċċi Komuni, il-proġetti huma kklassifikati f'kategoriji differenti: Il-proġetti tal-Kategorija A u B għandhom il-potenzjal li jkollhom impatti ambjentali u/jew soċjali negattivi. Għall-proġetti tal-Kategorija A, skont l-Approċċi Komuni, l-ECAs jistgħu jimpenjaw ruħhom li jappoġġawhom biss wara perjodu ta' 30 jum ta' pubblikazzjoni ex ante tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, l-informazzjoni tiġi ppubblikata ex post għall-proġetti kollha appoġġati tal-Kategorija A u B. Innota li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni tista' tiġi rinunzjata għal raġunijiet eċċezzjonali. L-Istati Membri jirrapportaw ukoll dwar il-proġetti tal-Kategorija A u B appoġġati fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom.

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jelenka l-objettivi ġenerali tal-Unjoni fl-Artikolu 3[24] l-prinċipji u l-objettivi tal-Azzjoni Esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 21 tiegħu.

Fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, issir referenza għall-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 206 fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri kollha li rrappurtaw jipprovdu evidenza li għandhom politiki stabbiliti biex jakkumpanjaw il-ġestjoni tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni tagħhom li huma konformi mal-objettivi tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika speċifiċi għall-kreditu għall-esportazzjoni żviluppati fl-OECD — l-unika organizzazzjoni internazzjonali li żviluppat regoli speċjalizzati għal dan il-qasam ta' politika s'issa — huma fl-użu komuni, u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-attivitajiet tal-Istati Membri jmorru lil hinn minn dan il-livell.

Sabiex tapprofondixxi l-kapaċità tal-Kummissjoni li tkompli tivvaluta l-attivitajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u f'konsultazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati, ipproponiet lill-Istati Membri biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-Rapporti Annwali tal-Attività. Ġie żviluppat mudell rivedut u estiż għall-eżerċizzju ta' rappurtar li se jintuża mill-Istati Membri mis-sena kalendarja 2020.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar jekk l-Istati Membri humiex konformi mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni; il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-rieżami annwali tagħha f'konformità mal-Anness I. Bħala tali, ir-rieżami tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq ir-Rapporti Annwali tal-Attività ppreżentati mill-Istati Membri, u ma jistax jitqies eżawrjenti. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni disponibbli tipprovdi evidenza qawwija li l-ECAs huma konformi mal-Artikoli 3 u 21 tat-TUE u ma tipprovdix evidenza ta' nuqqas ta' konformità minn ebda Stat Membru. Naturalment, l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jkunu jixtiequ jistabbilixxu miri politiċi aktar ambizzjużi b'mod konġunt. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tiffaċilita u tippromwovi djalogu interistituzzjonali f'dan ir-rigward iżda sadanittant trid twettaq l-evalwazzjoni tagħha skont il-Paragrafu 3 tal-Anness I.

Fir-rigward tal-konformità mal-obbligi internazzjonali u l-obbligi skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, ma kien hemm l-ebda tilwim fil-livell tad-WTO li jinvolvi programmi Ewropej ta' kreditu għall-esportazzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar. Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea ma rċeviet l-ebda lment dwar ksur potenzjali tal-liġi tal-UE li jinvolvi ECAs.

[24]Fost l-oħrajn skont l-Artikolu 3 paragrafu 5 tat-TUE, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja l-Unjoni *"għandha tikkontribwixxi [...] għall-iżvilupp sostenibbli tad-Dinja, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku fost il-popli, il-kummerċ ħieles u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u l-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ".*